# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ġunju, 2025**

**Numru 1**

**Rikors numru 166/2022/1 TA**

**Igino Trapani Galea Feriol, Dorothy Trapani Galea, Perit Nicholas Bianchi f'ismu u f'isem l-assenti Colin Huber, Christopher Huber u John Huber (ulied Marlene mart Edgar Huber), Andre Bianchi, Anne Marie mart Dr. Anton Tabone, Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol, u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol f'ismu u mal-Perit Nicholas Bianchi bħala Eżekuturi Testamentarji tal-mejta Emily Trapani Galea**

**v.**

**L-Awtorità tal-Artijiet u L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli ewlenija mressqa mill-Awtorità tal-Artijiet u mir-rikorrenti kollha, kif ukoll appell inċidentali mressaq mill-Avukat tal-Istat, sabiex tinbidel is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta'

Settembru, 2023. Fis-sentenza appellata ntlaqgħu parti mit-talbiet tar-rikorrenti fejn ġie deċiż li wħud minnhom ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom għas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, kif imħares bl-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u bl-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u kkundannat lill-intimati sabiex solidalment bejniethom iħallsu lil uħud mir-rikorrenti d-danni morali mġarrba minnhom fis-somma ta' €40,000 u ċaħdet il-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti, inkluż dawk marbuta mad-danni materjali.

**Daħla**

2. B'Avviż Numru 605 mitbugħ fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Ottubru, 1977, il-Gvern ta' Malta, permezz tad-Dikjarazzjoni tal-Aġent President tad-29 ta' Settembru, 1977, ħabbar l-esproprju ta' art tal-kejl ta' 3578.7 metru kwadru fir-Rabat, li tmiss min-Nofsinhar ma' Triq il-Karrijiet, mill-Majjistral f'parti ma' Triq il-Mużew u f'parti ma' Triq San Pawl u mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' Triq il-Mużew[1], minħabba li din kienet meħtieġa għal skop pubbliku. L-akkwist tagħha kellu jsir b'titolu ta' xiri assolut.

3. Wara dan l-avviż, saret ittra uffiċjali fid-19 ta' Lulju, 2001[2], fejn il-Kummissarju tal-Artijiet innotifika lil Igino Trapani Galea, f'ismu u f'isem l-assenti Marlene Huber, lil Emily Trapani Galea, Dorothy Galea u Nathalie Bianchi. Illi l-kumpens li l-awtorità kompetenti kienet lesta tħallas għal tliet biċċiet art fir-Rabat

[1] Ara Dok. MG 1 f'paġna 61 tal-proċess.
[2] Ara Dok. MG 4 f'paġna 65 tal-proċess.

kien kif ġej: a) Lm30,450 għal biċċa art tal-kejl ta' 203 metru kwadru; b) Lm18,000 għal biċċa art ta' 120 metru kwadru; u ċ) Lm254,850 għal biċċa art ta' 1,699 metru kwadru.

4. Ir-rikorrenti wieġbu lill-Kummissaru tal-Artijiet permezz t'ittra uffiċjali tat-13 ta' Awwissu, 2001[3], fis-sens li ma kinux qegħdin jaċċettaw il-kumpens li offra l-Kummissarju tal-Artijiet u li minflok kienu qegħdin jippretendu: (i) Lm45,675 għall-biċċa art tal-kejl ta' 203 metru kwadru; (ii) Lm27,000 għall-biċċa art ta' 120 metru kwadru; u (iii) Lm 382,275 għall-biċċa art ta' 1,699 metru kwadru.

5. Il-Kummissarju tal-Artijiet ressaq il-proċeduri meħtieġa quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet fit-23 ta' Mejju, 2003, sabiex filwaqt li jiġi ordnat it-trasferiment b'titolu ta' xiri assolut ta' dawn il-porzjonijiet, jiġi ffissat ukoll il-kumpens relattiv u jingħataw il-provvedimenti meħtieġa skont l-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta**).

6. Il-periti tekniċi maħtura mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet urew il-fehma tagħhom li l-proprjetà għandha titqies bħala waħda fabbrikabbli għall-finijiet tal-liġi u li l-kumpens li għandu jitħallas għax-xiri assolut tal-istess porzjonijiet ta' art għandu jiġi ffissat fl-ammont ta' €242,100 għall-ewwel porzjon, €143,100 għat-tieni porzjon; u €2,026,300 għat-tielet porzjon.

[3] Ara Dok. MG 5 f'paġna 68 tal-proċess.

7. Il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, minkejja li qies ir-rapport tal-periti tekniċi maħtura minnu, inkluż it-tweġibiet tagħhom fl-eskussjoni, iddeċieda li għalkemm l-art għandha titqies bħala fabbrikabbli, wara li kkunsidra li l-**Artikolu 25(1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi**, jipprovdi li l-ammont ta' kumpens li jiġi determinat mill-Bord m'għandux jisboq l-ogħla ammont ta' kumpens li jkun ġie propost minn xi waħda mill-partijiet, iddeċieda li l-kumpens ghall-istess porzjonijiet ta' art għandu jkun fl-ammonti ta' €106,394.13, €62,893.08 u €890,461.22 rispettivament, kif mitlub mill-istess intimati.

8. Il-partijiet ħassewhom aggravati b'dik id-deċiżjoni tal-Bord u għalhekk ressqu appell minnha. L-appell tar-rikorrenti f'dawk il-proċeduri kien imsejjes fuq l-aggravji: (i) li l-Bord applika ħażin u retroattivament il-provvedimenti tal-**Att XVII tal-2004** meta ngħad minnu li l-kumpens ma jistax jaqbeż l-ogħla ammont mitlub; (ii) li d-data stabbilita mill-Bord dwar minn meta beda għaddej l-imgħax kienet ħażina; (iii) li l-Bord żbalja dwar il-komputazzjoni tal-imgħax; (iv) li l-**Att II tal-2002** daħħal il-kunċett ta' mgħax li jitħallas bil-5% fis-sena minflok danni; u (v) li kien hemm dewmien eċċessiv kif ingħad mill-istess Bord. Mill-banda l-oħra l-appell tal-Kummissarju tal-Artjiet kien ibbażat fuq l-aggravju prinċipali li kemm l-istima tal-periti tal-Bord, kif ukoll il-kumpens mogħti mill-istess Bord kien wieħed esaġerat.

9. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat f'kollox id-deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet permezz ta' sentenza tal-24 ta' Ottubru, 2019.

10. Mhux kuntenti għalkollox b'dan l-eżitu, ir-rikorrenti ressqu dawn il-proċeduri kostituzzjonali taħt eżami fit-23 ta' Marzu, 2022, fejn fissru li huma ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom kif imħarsa mill-**Kostituzzjoni ta' Malta** u mill-**Konvenzjoni Ewropea** u għalhekk talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi minħabba l-premess ġew leżi u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali u fl-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni;*
>
> *(ii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lill-esponenti d-danni morali li jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti minħabba l-leżjonijiet sofferti mir-rikorrenti kif fuq premess;*
>
> *(iii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti d-danni materjali li jiġu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tal-premess.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.»*

11. L-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat tal-Istat ressqu tweġiba għal rashom fejn fiha fissru għala t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

12. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża fis-sens billi fl-ewwel lok laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimati fir-rigward tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**; u laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat dwar in-nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva ta' Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap

Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani f'ismu. Imbagħad issoktat billi:

*«Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat tal-Istat sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza;*

*Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat tal-Istat biss sa fejn dawn huma kompatibbli ma' din is-sentenza.*

*Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti sa fejn din hija mibnija fuq l-ilment ta' leżjoni tad-dritt tas-smigħ imparzjali protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti sa fejn din hija mibnija fuq leżjoni tad-drittijiet fondamentali sanċiti fl-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*

*Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti sa fejn din tirrigwarda vjolazzjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.*

*Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatment sa fejn hija msejsa fuq il-leżjoni tad-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli protett bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u biss fil-konfront tar-Rikorrenti Andre Bianchi, Perit Nicholas Bianchi, Dorothy Trapani Galea, Anna-Maria Tabone Bianchi, John Huber, Colin Huber u Christopher Huber, Igino sive Gino Trapani Galea Feriol u Dottor Nicholas Trapani Galea Feriol flimkien mal-Perit Nicholas Bianchi qua eżekuturi testamentarji tal-assi tal-mejta Emilie Trapani Galea.*

*Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati biex solidalment bejniethom iħallsu lir-rikorrenti Andre Bianchi, Perit Nicholas Bianchi, Dorothy Trapani Galea, Anna-Maria Tabone Bianchi, John Huber, Colin Huber u Christopher Huber, Igino sive Gino Trapani Galea Feriol u Dottor Nicholas Trapani Galea Feriol flimkien mal-Perit Nicholas Bianchi qua eżekuturi testamentarji tal-assi tal-mejta Emilie Trapani Galea id-danni morali subiti minnhom fl-ammont ta' erbgħin elf ewro (€40,000).*

*Tiċħad it-tielet talba tar-rikorrenti għal ħlas ta' danni materjali.*

*Bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimati ħlief ta' dawk ir-rikorrenti li skont din is-Sentenza ma kinux parti għall-kuntratt fuq imsemmi u li għalhekk għandhom jissoportu l-ispejjeż tagħhom.*

*Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-artikolu 242(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.»*

13. L-intimata Awtorità tal-Artijiet appellat b'mod prinċipali minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell imressaq fl-10 ta' Ottubru, 2023, bl-aggravji: (i) li hija ma kellhiex tiġi ordnata tħallas danni morali għaliex il-kumpens mogħti lir-rikorrenti fil-proċeduri tal-espropriju kien biżżejjed; (ii) li ma saret l-ebda prova li r-rikorrenti ġarrbu xi danni psikoloġiċi, anzi pjuttost li huma stess ikkontribwew għad-dewmien u dan kif osservat mill-Ewwel Qorti stess; u (iii) li f'kull każ il-kumpens mhux pekunarju kien eċċessiv.

14. Ir-rikorrenti wkoll ressqu l-appell ewlieni tagħhom li ġie ppreżentat fit-12 ta' Ottubru, 2023, b'aggravji li għandhom x'jaqsmu: (i) mar-retroattività tal-**Artikolu 25 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist t'Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi**; (ii) mal-kwantifikazzjoni tal-imgħax; (iii) mal-ammont baxx ta' danni morali li ġie mogħti lilhom; (iv) mal-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' smigħ xieraq minn qorti imparzjali; (v) man-nuqqas ta' għoti ta' danni materjali; u (vi) mal-leġittimazzjoni attiva ta' dawk ir-rikorrenti li t-talbiet tagħhom ma ġewx mistħarrġa/milqugħa.

15. L-intimat Avukat tal-Istat wieġeb għall-Appell imressaq mill-Awtorità tal-Artijiet fit-18 ta' Ottubru, 2023, fis-sens li jaqbel mal-istess aggravji mressqa mill-Awtorità appellanti, filwaqt li ressaq l-Appell Inċidentali tiegħu fis-sens li: (a) l-Ewwel Qorti żbaljat meta llikwidat u ordnat li huwa għandu jħallas id-danni morali; (b) li d-danni morali likwidati mill-Ewwel Qorti huma esaġerati; u (ċ) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll fir-rigward ta' kif ordnat li għandhom jiġu maqsuma l-ispejjeż tal-kawża.

16. L-Awtorità tal-Artijiet wieġbet għall-appell imressaq mir-rikorrenti fis-27 ta' Ottubru, 2023, u l-Avukat tal-Istat wieġeb għall-istess appell fit-30 ta' Ottubru, 2023, fejn fissru għala l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti wieġbu għall-Appell Inċidentali tal-Avukat tal-Istat fit-12 ta' Diċembru, 2023, fejn qalu li dan għandu jiġi miċħud.

17. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2024 u fit-28 ta' April, 2025, u wara li l-partijiet ressqu l-aħħar sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm, il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

18. Din il-Qorti ser tibda billi tqis l-appell tar-rikorrenti peress li fost affarijiet oħra, jattakka s-sentenza appellata sa fejn ċaħdet uħud mit-talbiet tagħhom.

19. Fl-**ewwel aggravju** tagħhom, ir-rikorrenti appellanti jsostnu li l-effett retroattiv tal-emenda fl-**Artikolu 25 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi** huwa bi ksur tal-jedd fundamentali kif imħares mill-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u l-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**. Jilmentaw ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabet li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-*legitimate expectation* tagħhom. Għalkemm l-appellanti jistqarru li huma jafu bit-tagħlim ġurisprudenzjali msemmi mill-Ewwel Qorti, madankollu

huma jfissru n-nuqqas ta' qbil tagħhom ma' dak l-istess tagħlim. Jistiednu għalhekk lil din il-Qorti sabiex tqis mill-ġdid l-argument tagħhom kontra l-applikazzjoni retroattiva tal-imsemmi provvediment tal-liġi, sa fejn dan jimponi fuq il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet u l-Qorti tal-Appell li ma jagħtux kumpens aktar minn dak li jkun mitlub mis-sidien. Ifissru li ma jaqblux mad-distinzjoni artifiċjali li saret bejn il-każ ta' ***Deguara Caruana Gatto*** u ta' ***Calleja*** msemmija mill-Ewwel Qorti, fejn f'tal-aħħar ingħad li ġaladarba r-rapport jew il-valutazzjoni tal-periti tekniċi maħtura mill-Bord laħqet daħlet fl-atti qabel daħlu fis-seħħ l-emendi fil-liġi, mela allura kien hemm dritt protett. Jisħqu li hekk kif mal-avviż tal-ftehim li sar f'Lulju tas-sena 2001, twieled u beda jeżisti d-dritt li ma jxekkilx il-valutazzjoni u allura kien hemm "*possession*" jew *"biens"* skont il-**Konvenzjoni** minħabba li twieldet l-aspettattiva leġittima ta' kif kienet il-liġi f'dak il-mument, jiġifieri li jkun dovut bħala kumpens l-ammont ogħla stabbilit mill-periti tal-Bord.

20. Ir-rikorrenti appellanti jinsistu li, l-istima magħmula fuq inkarigu tagħhom saret bil-ħsieb li jaslu fi ftehim mal-Kummissarju u jaqtgħu fil-qasir, sabiex ma jkunx hemm aktar dewmien fl-għoti tal-kumpens dovut lilhom u mhux bħala xi rinunzja ta' dritt. Wara kollox, jingħad minnhom li huwa magħruf li jeħtieġ li rinunzja tkun espressa. Dan il-fatt determinanti fil-fehma tagħhom, ma tteħidtx inkonsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti.

21. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li r-rikorrenti appellanti ma jistgħux jilmentaw li seħħ ksur tal-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** bl-applikazzjoni retroattiva tal-emenda fl-**Artikolu 25 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi**. Dan hu hekk għaliex kif sewwa ngħad mill-Ewwel Qorti, ladarba l-imsemmija liġi kienet fis-seħħ qabel it-3 ta' Marzu 1962, u l-emendi li saru fih ma humiex tax-xorta msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-imsemmi **Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni**, mela allura l-Qorti ma tistax tistħarreġ l-allegat ksur tal-**Artikolu 37** bit-tħaddim tal-istess **Ordinanza**.

22. Imiss għalhekk li naraw jekk l-applikazzjoni retroattiva ta' dan il-provvediment tal-liġi twassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali kif imħares bl-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**. Sabiex esproprju jitqies bħala wieħed kompatibbli ma' dan l-Artikolu, huwa meħtieġ li jintwera li t-teħid: (i) kien wieħed legali; (ii) li sar fl-interess pubbliku; u (iii) li żamm bilanċ bejn il-jeddijiet taċ-ċittadin privat u dawk tal-interess pubbliku.

23. F'dan il-każ ma hemmx kwistjoni dwar jekk il-Kummissarju tal-Artijiet (illum l-Awtorità tal-Artijiet) għamilx użu xieraq mill-poteri mogħtija lilu bil-liġi u lanqas ma hemm tilwima bejn il-partijiet li t-teħid tal-ġid tar-rikorrenti f'dan il-każ sar fl-interess pubbliku. Il-kwistjoni jew tilwima bejn il-partijiet hija dwar jekk fl-esproprjazzjoni mwettqa, l-Istat irnexxilux iżomm bilanċ xieraq bejn l-interess ġenerali tas-soċjetà u l-jedd tar-rikorrenti fit-tgawdija tal-ġid tagħhom bl-applikazzjoni retroattiva tal-liġi.

24. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-9 ta' Settembru, 2022, fl-ismijiet ***Maria Azzopardi v. Malta***, fuq dan il-punt:

> *«54. Compensation terms under the relevant legislation are material to the assessment of whether or not the contested measure respects the requisite fair balance and, in particular, whether it imposes a disproportionate burden on the individuals (see Jahn and Others v. Germany [GC] nos. 46720/99, 72203/01 and 72552/01 § 94, ECHR 2005-VI). In this connection, the taking of property without payment of an amount proportionate to its value will normally constitute a disproportionate interference, whilst a total lack of compensation can be considered justifiable under Article 1 of Protocol No. 1 only in exceptional circumstances (see Former King of Greece and Others v. Greece [GC], no. 25701/94, § 89, ECHR 2000-XII, and The Holy Monasteries v. Greece, 9 December 1994, § 71, Series A no. 301-A). However, Article 1 of Protocol No. 1 does not guarantee a right to full compensation in all circumstances. Legitimate objectives in the "public interest", such as those pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may warrant reimbursement of less than the full market value (see Urbárska Obec Trenčianske Biskupice v. Slovakia, no. 74258/01, § 115, ECHR 2007-XIII, and Broniowski v. Poland [GC], no. 31443/96, §§ 182 and 186, ECHR 2004-V).»*

25. Dawn l-istess prinċipji ġew imfissra fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Settembru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto*** kif ingħad mill-Ewwel Qorti, li dwarha r-rikorrenti appellanti juru n-nuqqas ta' qbil tagħhom mal-prinċipji hemm imsemmija.

26. Fir-rigward tal-ġurisprudenza msemmija mir-rikorrenti appellanti, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Diċembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Patrick Spiteri v. l-Avukat Ġenerali et***. Hemm ingħad li għalkemm fis-sistema legali Maltija ma nħaddnux il-prinċipju tal-preċedent, b'danakollu huwa prinċipju sagrosant li *argumentum simili valet*

*in lege*. Tassew il-ġustizzja, il-koerenza u ċ-ċertezza legali jeżiġu li kwistjonijiet analogi għandhom kemm jista' jkun jiġu trattati u deċiżi bl-istess mod. Kif b'mod mirqum ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Emanuel Portelli pro et noe et v. Estelle Azzopardi*** mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2014, «*F'sitwazzjonijiet fejn il-fatturi determinanti jixxiebħu jew huma identiċi, id-deċiżjoni għandha tkun l-istess, mhux għax qorti hija marbuta b'dak li tgħid qorti oħra iżda għax lill-istess mistoqsija għandha tingħata l-istess tweġiba.*»

27. Sewwasew dwar il-kwistjoni tal-applikazzjoni retroattiva tal-**Artikolu 25(1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi** bis-saħħa tal-*proviso* li daħal fis-seħħ b'effett tal-**Att XVII tal-2004**, jiġi osservat li dan il-punt ġie trattat mhux biss fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, kif imfisser fis-sentenza appellata, iżda wkoll fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-13 ta' Lulju, 2017, proprju fil-kawża ***Vica Limited v. Malta***, fejn ingħad hekk:

> *«31. Concerning the lawfulness of the measure, in so far as the applicant company complains about the interpretation given to the relevant proviso by the domestic courts (see paragraph 27 above), the Court reiterates that it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I, and Anheuser-Busch Inc. v. Portugal [GC], no. 73049/01, § 83, ECHR 2007-I).* ***In the present case, in the absence of any arbitrariness or manifest unreasonableness, the Court cannot call into question the interpretation of the domestic courts of the proviso at issue.***
>
> *32.* ***In relation to the lawfulness requirement, the Court also notes that it has in previous cases acknowledged that laws with retrospective effect which were found to constitute legislative interference still conformed to the lawfulness requirement of Article 1 of Protocol No. 1*** *(see, for example, Azienda Agricola Silverfunghi S.a.s. and Others v. Italy, nos. 48357/07 and 3 others, § 104, 24 June 2014, and Arras and Others v. Italy, no. 17972/07, § 81, 14 February 2012).* ***It finds no reason to find otherwise in the present case.***

*Indeed, in various cases the fact that such an interference was provided for by law as required by Article 1 of Protocol No. 1 was not even disputed by the parties (see for example, Maurice v. France [GC], no. 11810/03, § 81, ECHR 2005-IX; Scordino (no.1) [GC], cited above § 81; National & Provincial Building Society, Leeds Permanent Building Society and Yorkshire Building Society v. the United Kingdom, 23 October 1997, § 79, Reports of Judgments and Decisions 1997-VII, and Agrati and Others v. Italy, nos. 43549/08, 6107/09 and 5087/09, § 76, 7 June 2011).*
*…*
*34. As to the amount of compensation, as stated by domestic case-law under Article 1 of Protocol No. 1 concerning other claimants (see paragraphs 20-23 above****), it cannot be said that the applicants in the present case suffered an excessive and individual burden given that they received the amount of compensation requested by them****….»* (enfasi ta' din il-Qorti).

28. Din il-Qorti Kostituzzjonali taqbel fis-sħiħ ma' din il-fehma u tqis li l-istess prinċipji japplikaw għall-każ taħt eżami. Għalkemm huwa minnu li l-**Artikolu 25 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi**, qabel ma ġie emendat bl-Att imsemmi, ma kien jimponi ebda limitu fuq il-Bord, fir-rigward tal-ammont ta' kumpens li seta' jistabbilixxi għall-art li kienet qed tiġi esproprjata, però l-istess liġi lanqas ma kienet timponi fuq is-sid ta' art esproprjata li jitlob huwa stess il-kumpens għal dan it-teħid. Lil hemm minn dan, xorta jibqa' l-fatt li fil-każ taħt eżami r-rikorrenti wrew b'mod ċar x'kienu l-pretensjonijiet tagħhom bħala kumpens ġust għat-tliet porzjonijiet ta' art li tteħdulhom meta wieġbu permezz tal-ittra uffiċjali tagħhom tat-13 ta' Awwissu, 2001. Ġaladarba r-rikorrenti rċevew bħala kumpens dak li talbu, huma ma jistgħux jibqgħu serjament isostnu li ġie miksur d-dritt tagħhom għal kumpens xieraq.

29. Lanqas jista' jingħad li dan il-ksur seħħ minħabba li r-rikorrenti kellhom aspettattiva leġittima li jkun dovut bħala kumpens l-ammont ogħla stabbilit mill-periti membri tal-Bord. Dan jingħad peress li proprju kif ingħad fil-każ ta' ***Maria***

***Theresa Deguara Caruana Gatto***, fil-mument li l-Kummissarju tal-Artijiet offra l-kumpens li dehrlu bħala mistħoqq f'Lulju tas-sena 2001, ir-rikorrenti ddikjaraw il-kumpens li kienu qegħdin jippretendu. F'dak l-istadju, ma jistax jingħad li s-sidien rikorrenti f'din il-kawża, kellhom *a legitimate expectation* illi l-Bord kien se jillikwida l-kumpens tal-esproprju f'ammont ogħla minn dak minnhom mitlub meta ma kellhom l-ebda ħjiel ta' figuri li jindikaw li dan seta' jseħħ.

30. Min-naħa l-oħra fil-każ ta' ***Calleja***, meta daħlu l-emendi fis-seħħ, il-membri tekniċi tal-Bord kienu laħqu ddeterminaw l-ammont ta' kumpens skont il-liġi. Saħansitra s-sidien kienu espressament irrimettew ruħhom għar-relazzjoni tal-istess membri tekniċi u l-proċeduri kienu laħqu ġew differiti iktar minn darba għas-sentenza. Tabilħaqq f'dak il-każ is-sidien kellhom aspettattiva leġittima li l-Bord kien se jillikwida favur tagħhom, il-kumpens kollu stabbilit mill-membri tekniċi tiegħu. Saħansitra f'dak il-każ ingħad li s-sitwazzjoni kienet tkun kompletament differenti li kieku l-emenda inkwistjoni ġiet fis-seħħ qabel ma l-membri tekniċi kienu laħqu rrelataw. Hekk ġara f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma kellhomx anqas biss ħjiel ta' valutazzjoni ogħla minn dik imressqa minnhom, hekk kif ir-relazzjoni tal-periti tal-Bord daħlet fl-atti fis-7 ta' Frar, 2012[4], u b'hekk isegwi li qajla jista' jingħad li d-distinzjoni hija waħda superfiċjali. F'dan il-każ, ir-rikorrenti appellanti ma kellhomx "*possediment*" fit-termini tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**.

[4] Ara relazzjoni f'paġna 181 tal-proċess 32/2003 allegat mal-atti ta' dan il-każ.

31. Hekk ukoll, lil hemm mill-ħsieb li jingħad li kellhom ir-rikorrenti li jagħtu stima sabiex jaslu fi ftehim u jevitaw dewmien bla bżonn, kif ingħad fis-sentenza appellata, meta saret referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta' Settembru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet v. Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et***, fis-suq liberu tal-bejgħ tal-proprjetà, il-prezz tal-proprjetà jiddependi fuq l-evalwazzjoni soġġettiva tal-bejjiegħ tal-valur tal-proprjetà tiegħu, u min-naħa l-oħra l-valur soġġettiv li xerrej potenzjali jagħti lill-istess proprjetà. Il-preżunzjoni tibqa' li meta l-bejjiegħ jiddikjara l-prezz, huwa jkun iddikjara l-valur li bih hu jkun lest li jbiegħ. Għalhekk meta bejjiegħ jitfa' l-proprjetà tiegħu għall-bejgħ u jiddikjara l-prezz li jrid tagħha, ma huwiex verosimili, u lanqas l-istess bejjiegħ ma jkun qed jippretendi, li se jsib xerrej potenzjali li se joffrielu li jixtriha bi prezz ogħla milli l-istess bejjiegħ ikun iddikjara li jrid. L-emenda taħt eżami tabilħaqq ikkristalizzat, b'liġi, ir-regola tas-suq liberu, jiġifieri li huwa l-bejjiegħ li jistabbilixxi l-prezz għall-bejgħ tal-proprjetà tiegħu. Minkejja li każ ta' esproprju ma jirriflettix eżatt dak li jseħħ f'suq liberu, peress li jseħħ fl-isfond ta' bejgħ forzat, però xorta waħda u huwa loġiku li din ir-regola, li l-bejjiegħ jistabbilixxi fl-ewwel lok il-prezz għall-bejgħ tal-proprjetà tiegħu, tibqa' l-istess u tkun applikata wkoll fil-każ ta' esproprju. Isegwi li l-argument tar-rikorrenti appellanti li ma kienx hemm rinunzja għad-drittijiet tagħhom huwa wkoll fiċ-ċirkostanzi tal-każ bla bażi.

32. Għalhekk l-ewwel aggravju tar-rikorrenti appellanti ma jreġix u ser jiġi miċħud.

33. Imiss li din il-Qorti tistħarreġ it**-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti**, fejn qed jilmentaw dwar l-imgħax. Dan l-ilment jirkeb fuq l-ewwel aggravju sa fejn jingħad mill-appellanti li l-imgħax għandu jgħaddi fuq l-ammont likwidat mill-periti membri tal-Bord, kif ukoll li dan l-imgħax kellu jiġi maħdum sa mis-sena 1956 jew 1957, jiġifieri minn meta l-awtoritajiet ħadu pussess tal-art tagħhom. Jingħad ukoll mill-appellanti, li minkejja li kien hemm żmien meta l-art ingħatatilhom lura, u huma applikaw għal permess tal-iżvilupp fis-sena 1968, dan il-permess ġie miċħud peress li s-sit kien riżervat bħala "*public open space*". Dan, fil-fehma tal-appellanti kellu jitqies bħala esproprjazzjoni *de facto.*

34. Ir-rikorrenti appellanti jżidu, li fl-agħar xenarju, l-imgħax kellu jiġi applikat mid-data tal-avviż tal-ftehim skont il-prattika li kienet fis-seħħ dak iż-żmien (i.e. fl-2001) u mhux skont l-emendi li saru għall-**Artikolu 12(3) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi**, li pprovda skedi dwar kif kellu jiġi maħdum l-imgħax. Din l-emenda kienet tfisser li l-prattika fejn qabel kien jingħata mgħax bil-perċentwal ta' 5% mid-data tat-teħid jew okkupazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv fuq l-ammont likwidat mill-Bord, din inbidlet sabiex minflok l-imgħax sar jinħadem fuq il-medja tan-nofs li joffri l-Kummissarju tal-Artijiet u dak likwidat mill-Bord u dan bi ħsara għad-drittijiet tagħhom kif imħarsa fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. L-appellanti jistqarru li ma jaqblux mal-interpretazzjoni mogħtija skont id-deċiżjoni msemmija mill-Ewwel Qorti ta' ***Emidio Azzopardi et v. Kummissarju tal-Artijiet et***.

35. Lil hemm mill-fatt li x'aktarx għandu raġun l-Avukat tal-Istat meta jwieġeb li din il-kwistjoni taqa' 'l barra minn dak li ngħad fir-rikors promotur, din il-Qorti tosserva li dan il-punt ġie mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta'Ottubru, 2019. Hemm tqies li mill-provi fl-atti tabilħaqq irriżulta li l-Gvern daħal fil-pussess tal-art inkwistjoni fis-sena 1956, kif wara kollox ġie rraportat mid-Dipartiment tal-Mużew. Iżda ġie osservat ukoll li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tal-1956, ma kenitx waħda ta' esproprjazzjoni, imma waħda fejn l-art ġiet dikjarata bħala Area għall-Iżvilupp Speċjali, materja li ma taqax fil-kompetenza tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet. Barra minn hekk, sena wara, permezz tal-ittra tan-nutar tal-Gvern tal-14 ta' Mejju, 1957, is-sidien ġew infurmati li l-art inkwistjoni ma kinitx aktar meħtieġa mill-Gvern. Saħansitra saret referenza għall-ittra fl-atti maħruġa mill-uffiċċju tax-Xogħlijiet Pubbliċi tal-1962, li tabilħaqq turi li s-sidien kienu ngħataw lura pussess tal-art tagħhom. Tant hu hekk, li l-istess sidien ressqu applikazzjoni ta' żvilupp fuq l-istess art fis-sena 1968.

36. Tajjeb li jiġi mfakkar, li l-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ skattaw permezz tar-rikors promotur tal-Kummissarju tal-Art wara li sar l-avviż ta' ftehim tad-19 ta' Lulju, 2001. L-avviż għall-ftehim li miegħu hemm anness in-notifika ta' dikjarazzjoni tal-Aġent President ta' Malta, hemm proprju d-dikjarazzjoni tas-sena 1977.

37. Mhuwiex ir-rwol ta' din il-Qorti li tinterpreta mod ieħor il-fatti stabbiliti fil-proċeduri ċivili. F'kull każ, kif ingħad drabi oħra, mhuwiex anqas fil-mansjoni ta' din il-Qorti biex tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet applikabbli ġewx interpretati tajjeb jew le (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Myriam Chemel et v. l-Awtorità tal-Artijiet***). Ir-rwol ta' din il-Qorti huwa li tistabbilixxi jekk kienx hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali, kif protetti mill-**Kostituzzjoni** u l-**Konvenzjoni Ewropea**. Fil-kuntest tal-kawża tal-lum l-eżerċizzju li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss li tistabbilixxi jekk il-kumpens u l-imgħax li rċevew l-appellanti skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell taħt id-dispożizzjonijiet tal-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi** kinux xierqa u proporzjonati.

38. Lanqas ma jitqies siewi l-argument tar-rikorrenti appellanti li kellu jitqies li seħħet esproprjazzjoni *de facto* meta l-applikazzjoni għall-permess magħmula minnhom fl-1968, ġiet miċħuda peress li s-sit kien meqjus bħala "*public open space".* Kif sewwa jingħad mill-Awtorità appellata, il-Qorti Kostituzzjonali kellha okkażjoni tistħarreġ il-punt jekk skedar mil-lat ta' ppjanar jistax jitqies bħala esproprjazzjoni *de facto,* fis-sentenza fl-ismijiet ***Trimeg Limited v. Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar*** deċiża fl-14 ta' Mejju, 2010 u waslet għall-konklużjoni li dan ma kienx każ ta' teħid forzuż.

39. Tassew, saħansitra l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Novembru, 2010, fil-każ ta' ***Trimeg Limited v. Malta***, waslet għall-konklużjoni meta qieset:

*«…the Court first of all notes that the interference did not deprive the applicant company of a possession which it owned, but solely controlled its use in a way which diminished the applicant company's opportunity to make a substantial profit out of it. The Court does not find that reliance can be placed solely on the applicant company's view that the land had potential for development. …*

*29. Moreover, the Court observes that the applicant company had the possibility of complaining about this interference within an organised legal framework. Indeed, it appealed to the PAB, and subsequently to the Court of Appeal against the relevant decisions refusing its applications for a permit. The Court of Appeal referred the case to the constitutional jurisdiction which heard the case at two instances. Thus, the Court attaches weight to the existence of procedural and other safeguards which ensured that the operation of the system and its impact on the applicant company was neither arbitrary nor unforeseeable.*

*…the Court considers that the interference cannot be said to have been disproportionate (see, inter alia, Fredin v. Sweden (no. 1), 18 February 1991, § 53, Series A no. 192, and Olbertz v. Germany (dec.), no. 37592/97, ECHR 1999-V). Thus, the Court holds that the respondent State did not go beyond its margin of appreciation and, regard being had to the legitimate aim pursued by the Act, it did not fail to strike a "fair balance" between the applicant company's economic interests and the general interest of the community at large.*

*…*
*In the Court's view, bearing in mind the State's margin of appreciation in environmental and country planning matters, the distinctions drawn in respect of the development of the land in the present case can be accepted as objective and reasonable.»*

40. Isegwi li l-argument li l-art tar-rikorrenti ttieħdet permezz ta' esproprjazzjoni *de facto*, li kellu jagħti lok għall-ħlas ta' danni permezz ta' ħlas ta' mgħax sa mis-snin ħamsin, lanqas ma jista' jiġi milqugħ billi dan huwa wieħed bla bażi.

41. Jonqos l-aħħar punt taħt it-tieni aggravju, dak dwar jekk l-applikazzjoni tal-**Artikolu 12(3) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi**, kienx ta' preġudizzju għad-drittijiet tagħhom kif imħarsa mill-**Kostituzzjoni** u l-**Konvenzjoni**. Huwa minnu, li kif ingħad mill-Qorti tal-Appell,

fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ottubru, 2019 bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u r-rikorrenti bħala sidien tal-art fil-proċeduri tal-arbitraġġ (Rikors Numru 32/2003), dan il-provvediment tal-liġi ġie emendat tul is-snin, kemm permezz tal-**Att XI tas-sena 2002**, kif ukoll bl-**Att I u III tas-sena 2006**. Hekk ukoll, il-ħsieb wara dawn l-emendi kien fl-ewwel lok, li tiġi indirizzata u regolata *lacuna* fil-liġi hekk kif prattika li kienet tiġi mħaddma mid-Dipartiment tal-Gvern ġiet regolata bil-liġi, kif ukoll dak li jitħallas l-imgħax sabiex jagħmel tajjeb bħala kumpens għad-dewmien.

42. Issa sa fejn jingħad mir-rikorrenti li huma kellhom aspettativa li jitħallsu l-imgħax bil-5%, tajjeb li jiġi mfakkar li daħlet l-ewwel emenda fil-liġi fl-2002, fejn allura saret parti mil-liġi li jsir il-ħlas tal-imgħax sempliċi bir-rata ta' 5% mid-data tad-dikjarazzjoni tal-President sad-data meta l-kumpens jitħallas fuq l-ammont ta' kumpens, kif ikun stabbilit skont l-istess **Ordinanza**. Madankollu tirriżulta dispożizzjoni tranżitorja[5], fejn ingħad illi, fil-każ fejn tkun laħqet ħarġet dikjarazzjoni mill-President, qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess provvediment tal-liġi, l-imgħax indikat għandu jibda għaddej mid-data minn meta l-Gvern jieħu pussess, sad-data meta jitħallas il-kumpens għaliha jew dan jiġi depożitat skont il-każ, <u>b'dan illi l-imgħaxijiet kellhom jiġu kkalkolati fuq il-valur tal-art fid-data tad-Dikjarazzjoni mill-President.</u>

[5] Ara **Artikolu 7(2)(a) tal-Att XI tal-2002**.

43. Dan ifisser li fil-każ taħt eżami, l-imgħax kien jiġi kalkolat fuq il-valur tal-art tar-rikorrenti kif kienet fis-sena 1977. Issa, għalkemm mill-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ ma jirriżultax il-valur tal-porzjonijiet tal-art tar-rikorrenti fis-sena 1977 (i.e. fid-data tad-dikjarazzjoni Presidenzjali), din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-valur tal-art fis-sena 1977, kien ferm aktar inferjuri għal dak fl-2001. Dan ifisser li r-rikorrenti ma setgħux japplikaw il-valuri likwidati mill-Bord, u wisq anqas fuq l-ammonti likwidati mill-periti tal-Bord, għall-fini li ssir il-komputazzjoni tal-imgħax skont il-liġi kif applikabbli fl-2002, peress li dawn il-valutazzjonijiet kienu kollha marbuta mas-sena 2001, data tal-avviż għall-ftehim. Ir-rikorrrenti appellanti ma jistgħux ireġġgħu l-arloġġ lura fejn jaqbel lilhom biss[6]. Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-valur tal-art fl-1977 ma setax kien iktar minn ftit eluf ta' liri Maltin. Bla dubju, l-imgħax kien ikun ferm anqas meta paragunat mal-imgħax li tħallas lir-rikorrenti, fis-somma ta' €1,906,698.83[7] skont il-formula użata mill-Awtorità intimata għall-kalkolu tal-imgħax permezz tat-tielet skeda tal-liġi.

44. L-emendi li daħlu bl-**Att I** u **III tal-2006** kienu għadhom fis-seħħ fit-18 ta' Novembru, 2015, meta ngħatat is-sentenza tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet numru 32/03FDP fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Art v. Igino Trapani Galea Feriol proprio et nomine et***. Bla dubju għalhekk, il-formola wżata mill-Awtorità appellata fil-kalkolu tal-imgħax hija dik legalment applikabbli. Barra minn hekk,

---

[6] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Myriam Chemel et v. l-Awtorità tal-Artijiet***.
[7] Ara l-imgħax imħallas mill-Gvern fuq il-kuntratt ta' bejgħ tal-15 ta' Diċembru, 2020 f'paġna 92 tal-proċess.

kif ingħad mill-Qorti tal-Appell, b'rabta mal-proċeduri tal-arbitraġġ, b'referenza għas-sentenza ta' ***Emidio Azzopardi et v. Kummissarju tal-Artijiet et***, meta jinħadem l-imgħax bil-5% fuq il-medja ta' kemm kienet tiswa l-art bejn il-perjodu tat-teħid u d-data tad-dikjarazzjoni, qajla jista' jingħad li dan kien ta' preġudizzju għad-drittijiet tas-sidien, kif imħarsa mill-**Kostituzzjoni** u l-**Konvenzjoni**.

45. Ġaladarba l-komputazzjoni skont it-tielet skeda u l-**Artikolu 12(3) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi**, tieħu qies tal-awment fil-valur tal-artijiet inkwistjoni bejn il-valur tal-art iffissat fl-avviż għall-ftehim u l-valur tal-art iffissat mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, il-jedd li kellhom l-appellanti qabel id-dħul fis-seħħ tal-**Att I** u **III tal-2006** kien għal somma ta' mgħax ferm inqas minn dak li kienu intitolati għaliha skont il-liġi, kif emendata b'dawk l-emendi. Għalhekk kull allegazzjoni li l-applikazzjoni retroattiva tal-imsemmija emendi xekklet aspettativa u/jew jedd miksub li kellhom preċedentement, hija manifestament u fattwalment bla bażi.

46. Isegwi li l-ilmenti kollha tar-rikorrenti appellanti taħt it-tieni aggravju ma jirriżultawx bħala mistħoqqa.

47. Qabel ma tqis it-tielet aggravju tar-rikorrenti appellanti dwar id-danni morali (li dwaru hemm ukoll l-appelli tal-partijiet l-oħra), din il-Qorti tqis li jkun aħjar li tindirizza l-aggravji l-oħra li fadal tar-rikorrenti appellanti.

48. Fir-**<u>raba' aggravju r-rikorrenti appellanti</u>** jattakkaw dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet il-kawżali tagħhom li huma ma ngħatawx smigħ minn Qorti imparzjali, b'mod partikolari minħabba d-dewmien fil-proċeduri u l-applikazzjoni retroattiva tal-imsemmija emenda. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-intimati, li l-applikazzjoni retroattiva tal-emendi jiġifieri li l-kumpens ma setax jaqbeż dak mitlub jew indikat, kien bażat u ġustifikat fuq raġunijiet impellenti ta' interess ġenerali/pubbliku. Isostnu li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma kienx hemm vjolazzjoni mingħajr jew ftit li xejn raġunament jew motivazzjoni. Jgħidu li minkejja li wieħed jista' jifhem il-ħtieġa tal-Gvern li jilleġisla, dan iżda qatt m'għandu jkun ta' preġudizzju għad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ imparzjali. Jisħqu li ma ntweriet ebda raġuni jew ġustifikazzjoni għaliex hemm interess pubbliku ġenerali li jiġġustifika li ma jiġix imħares id-dritt ta' smigħ imparzjali.

49. Għandu jingħad li din il-Qorti żgur ma tistax tqis bħala ġustifikat l-ilment tal-appellanti li l-Ewwel Qorti kienet nieqsa minn raġunament jew motivazzjoni! Biss biss il-mertu ta' dan l-ilment tar-rikorrenti kien trattat f'paragrafi 45 sa 54 tas-sentenza appellata fejn ingħatat rassenja ta' ġurisprudenza sħiħa sabiex issostni ċ-ċaħda tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar nuqqas ta' smigħ imparzjali.

50. Kif ingħad mill-Ewwel Qorti, fil-prinċipju mhux eskluż li f'materji ċivili, il-leġislatur iressaq liġijiet retroattivi sabiex jirregola drittijiet naxxenti minn liġijiet eżistenti. Madankollu il-prinċipju tas-saltna tad-dritt u l-kunċett ta' smigħ

imparzjali skont l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni** jipprovdi li m'għandux ikun hemm indħil mil-leġislatur maħsub sabiex fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja jinfluwenza d-determinazzjoni ġudizzjarja ta' tilwima. L-unika eċċezzjoni hija fejn l-indħil jitqies bħala ġustifikabbli biss "*on compelling grounds of the general interest"* (***Zielinski, Pradal, Gonzalez and Others v. France [GC], 1999, § 57; Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, § 126***).

51. Hekk ukoll, jingħad li Qorti nazzjonali għandha tqis dan l-indħil bħala xkiel għad-dritt għal smigħ imparzjali kif imħares bl-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni** biss meta l-Istat ikun hekk irrikorra għal applikazzjoni retroattiva ta' liġi bħal din mingħajr ma jiġġustifika dan taħt raġunijiet impellenti ta' interess ġenerali/pubbliku (***Azienda Agricola Silverfunghi S.a.s. and Others v. Italy, 2014 u 88-89***). F'dan l-aħħar każ tqies ukoll li għalkemm kien hemm intervent leġislattiv, b'effett retroattiv xorta dan l-intervent kien jirrispetta "*the lawfulness requirement of Article 1 of Protocol No. 1."*

52. Issir referenza għall-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti, taħt l-ewwel żewġ aggravji tar-rikorrenti. Dan jingħad fir-rigward tal-applikazzjoni retroattiva tal-emendi li daħlu fis-seħħ bl-**Att XVII tal-2004**, fuq l-**Artikolu 25** tal-liġi li biha tpoġġa limitu fuq il-kumpens li seta' jingħata mill-Bord, sa fejn ingħad li ladarba s-sidien ikunu rċevew dak li talbu bħala kumpens, ma jistax jingħad li ġie miksur id-dritt għall-kumpens xieraq. Hekk ukoll, l-intervent leġislattiv li sar fil-każ tal-imgħax, kien fl-ewwel lok maħsub sabiex timtela *lacuna* fil-liġi, hekk kif prattika

li kienet tiġi mħaddma mid-Dipartiment tal-Gvern ġiet regolata bil-liġi, kif ukoll dak li jitħallas l-imgħax sabiex jagħmel tajjeb bħala kumpens għad-dewmien.

53. Hawn jitqies xieraq li ssir referenza għal dak li ngħad fid-dibattiti parlamentari mill-Ministru Dr. Tonio Borg[8] dwar l-emenda fil-liġi dwar l-imgħax:

> *«Issa magħha però se nżidu emenda li tolqot l-imgħaxijiet. Sal-lum fl-artiklu 12, subartiklu 3, li kien ġie introdott fl-2002 ukoll, għedna li l-gvern huwa obbligat li jħallas dak li konna ngħidulu 'damages for occupation' ħalli jħallas l-individwu mhux biss tal-art, imma tal-fatt li għal żmien twil hu kien jokkupa dik l-art u ma ħallsux. Issa din qabel l-2002 ma kenitx fil-liġi imma kienet prattika amminstrattiva. Jiġifieri d-dipartiment mingħajr ma kien obbligat li jagħmel hekk bil-liġi, kien iħallas 5% fuq il-kumpens dovut għal kull sena li l-gvern kien fil-pussess ta' dik l-art. Mela per eżempju, jekk jien l-art ħadtha fl-1990 u għaxar snin wara ħallastek Lm20,000 tagħha, inħallsek Lm20,000 u 5% fuq Lm20,000 għal għaxar snin. Dik kienet il-prattika amministrattiva. Fl-2002 għedna is it fair li jista' jiġi ministru ieħor u jaqbad u jgħid li minn għada spiċċat ma nħallsu xejn? Minħabba f'hekk allura daħħalna subartiklu ġdid li kien jgħid hekk:*
>
> > *"Simple interest at the rate of five per centum per annum shall accrue on a daily basis in favour of any person having a right to compensation in respect of any land acquired by the absolute purchase thereof under this Ordinance, from the date of Declaration of the President up to the date when the compensation is paid or deposited in accordance with article 22. The interest due shall accrue on the amount of compensation as established in accordance with this Ordinance."*
>
> *Il-problema li qamet hi li ejja nassumu li meta ħadniha, l-art kienet tqum Lm10,000, u għaddew għaxar snin u issa dik l-art ġiet tqum Lm20,000. Huwa ġust li l-gvern iħallas 5% fuq l-Lm20,000 għal għaxar snin meta f'ċertu żmien l-art ma kenitx tqum Lm20,000? Li jien inħallsek bil-prezz tal-lum u mhux bil-prezz ta' meta ħadthielek, tagħmel sens, imma li jien inħallas l-interessi wkoll retroattivament b'lura bil-valur tal-lum ma tagħmilx sens.*
>
> *Li qegħdin nipproponu huma żewġ affarijiet. Fejn laħqet ħarġet in-notice to treat u stabbiliet u ffriżat il-prezz, dak inħallsu 5% fuq il-valur fin-notice to treat. Fejn ma ħarġitx in-notice to treat kif huma l-maġġoranza tal-expropriations - u ma ħarġitx in-notice to treat għaliex id-dipartiment ma kienx jaf lis-sidien min huma, u issa dik solvejniha bis-sistema l-ġdida - nieħdu l-valur ta' meta l-gvern ħadha, nieħdu wkoll il-valur tal-lum, għaliex ladarba ma ħarġitx in-notice to treat il-valur se jogħla, u nagħmlu division by two. Mela fil-każ li semmejt jekk kienet tqum Lm10,000 u llum ġiet tqum Lm20,000, nagħtuk 5% għal għaxar*

[8] Waqt is-seduta tas-7 ta' Diċembru 2005, hekk kif Dr Tonio Borg, dak iż-żmien Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, kien qiegħed jagħmel l-introduzzjoni tiegħu fil-Kamra tar-Rappresentanti għall-Abbozz illi eventwalment sar l-**Att Nru 1 tal-2006**.

*snin fuq Lm15,000. Jien naħseb li dan huwa mod fair. L-ideali hu li kieku tagħmel il-valur kull sena għal għaxar snin u taħdimha bil-5% fuq kull darba u toħroġ average tagħmel division by ten imma din tant tirrikjedi xogħol, u tant tirrikjedi spejjeż, li speċjalment meta wieħed iqis li sal-2002 lanqas provvediment legali ma kien hemm fuq l-interessi, naħseb li hija sistema ġusta li naqbdu u ngħidu division by two.»*

54. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm mad-daqqa t'għajn wieħed forsi jaħseb li kien hemm bidla fil-parametri li wassal għall-ksur tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, il-ħsieb warajhom u l-istħarriġ ta' dak li ġabu magħhom l-emendi li dwarhom jilmentaw ir-rikorrenti, xorta ma jistax jingħad li bl-emendi li saru ma ntlaħaqx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien u l-interess ġenerali jew li ma ġiex imħares id-dritt tagħhom għal smigħ imparzjali.

55. Ġaldarba s-sidien fl-ewwel lok ingħataw il-kumpens mitlub minnhom għat-teħid tal-art u fit-tieni lok, tħallas imgħax ikkalkulat fuq il-medja tal-valur tal-art li tieħu qies tal-awment fil-valur tal-artijiet inkwistjoni bejn il-valur tal-art iffissat fl-avviż għall-ftehim u l-valur tal-art iffissat mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, qajla jista' jingħad li dan kien ta' preġudizzju għad-drittijiet tagħhom kif imħarsa mill-**Kostituzzjoni** u l-**Konvenzjoni**.

56. Din il-Qorti ma tarax li hemm lok li jintlaqa' dan l-aggravju.

57. Ngħaddu għall-**<u>ħames aggravju tar-rikorrenti appellanti</u>**, fejn jilmentaw dwar is-sentenza appellata, sa fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tagħhom għad-danni materjali. Huma jistiednu lil din il-Qorti sabiex twarrab l-

orjentament ġurisprudenzjali li l-Qrati Kostituzzjonali ġeneralment jagħtu danni morali u mhux materjali, sabiex tikkunsidra dan il-prinċipju mill-ġdid u tikkunsidra li tagħtihom ukoll danni materjali. Issir referenza għall-fatt li l-istess Qorti Ewropea tagħti danni pekunarji u dawk mhux pekunarji.

58. Issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta' Frar, 2009 fl-ismijiet ***Francis Said et v. l-Avukat Ġenerali*** meta ngħad:

> *«ir-rimedju li tista' tagħti l-Prim' Awla (kif ukoll din il-Qorti) bħala rimedju għad-dewmien jista' jvarja minn sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni, għal danni morali jew, eċċezzjonalment, anke għal danni materjali.»*

59. L-Ewwel Qorti, osservat b'referenza għall-każijiet fejn jirrigwarda dewmien, li l-Qorti Kostituzzjonali ġeneralment ma takkordax danni materjali biex ikopru danni allegatament imġarrba imma tagħti kumpens bħala danni morali biex jagħmel tajjeb għal leżjoni kostituzzjonali u li l-Qorti Kostituzzjonali ma takkordax danni ċivili, li normalment jingħataw mill-Qrati Ċivili. L-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li l-ammont mogħti lis-sidien bil-kuntratt tal-15 ta' Diċembru, 2020, fis-somma ta' €2,966,447.26, jinkludi kemm il-prezz stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fl-ammont ta' €1,059,748.43, kif ukoll l-imgħax kalkolat skont l-**iskeda 3 tal-Artikolu 12(3) tal-Kap. 88**, fl-ammont ta' €1,906,698.83.

60. Kontra iżda dak li tat x'tifhem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ttenni li f'kawżi msejsa fuq ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huwa possibbli illi l-Qorti tillikwida mhux biss danni morali iżda wkoll danni pekunarji (ara

***Martia Carmela Pace et v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2021 u ***Christopher Mazzitelli v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ġunju, 2021). B'danakollu sabiex talba għad-danni pekunarji tirnexxi f'din it-tip ta' kawża jeħtieġ illi l-attur iressaq prova ċara li tistabbilixxi n-ness kawżali bejn id-dewmien tal-proċeduri u d-danni pekunarji allegatament sofferti (ara ***Michael Galea u Edward Pavia v. Malta*** deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-11 ta' Frar, 2020). Mhuwiex possibbli għal Qorti li tispekula x'setgħet kienet tkun il-pożizzjoni tal-attur li kieku ma seħħx id-dewmien mertu tal-ilment, u għalhekk teħtieġ li ssir prova ċara u inekwivoka illi l-attur sofra danni pekunarji li ma kienx isofri li kieku l-proċeduri ma kinux suġġetti għal dewmien irraġonevoli (ara ***Noel Xuereb v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru, 2021).

61. Fil-każ tal-lum ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova ta' dan it-tip. Ma ninsewx ukoll li l-kumpens għall-porzjonijiet ta' art li ttieħdu lir-rikorrenti ġie maħdum skont il-valuri tal-2001 (u mhux tal-1977), b'dana għalhekk li r-rikorrenti ġew li gawdew miż-żieda fil-valur tal-art bejn meta ġiet okkupata fl-1977 u s-sena 2001. Barra minn hekk, l-imgħax li tħallas kien ibbażat fuq il-medja bejn il-valuri offerti mill-Kummissarju tal-Art u l-ammont likwidat mill-Bord, jiġifieri dan għaż-żmien li għadda bejn id-data tat-teħid tal-pussess tal-art mill-awtorità kompetenti (f'dan il-każ fis-sena 1977) u d-data tat-trasferiment tat-titolu b'xiri assolut mill-Gvern ta' Malta (li f'dan il-każ seħħ permezz tal-

kuntratt ta' bejgħ tal-15 ta' Diċembru, 2020), meta allura s-sidien tħallsu l-kumpens għall-art li tteħditilhom.

62. Dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, jfisser li r-rikorrenti ngħataw kumpens ġust kemm għall-art li tteħditilhom, kif ukoll għall-imgħax li jista' jiġi mqabbel mat-telf ta' użu tal-art għal dak iż-żmien kollu li fih il-Gvern okkupa l-art tagħhom mingħajr ma ngħataw il-kumpens meħtieġ. Fuq kollox, sabiex ir-rikorrenti jistgħu jippretendu li jitħallsu danni materjali oħra, kien meħtieġ li huma jressqu provi ta' dawk id-danni materjali li allegatament ġarrbu, li setgħu jaqgħu 'l barra mill-parametri tal-kumpens u l-imgħax imħallas lilhom fuq il-kuntratt ta' bejgħ. Hekk pereżempju, ma ressqu l-ebda provi li huma kellhom jidħlu f'xi spejjeż żejda jew joħorġu flus minn buthom minħabba d-dewmien fl-espropriju, bħalma lanqas ma wrew li huma tilfu xi flus minħabba nuqqas ta' użu tal-art jew xi qligħ li ma ġiex ikkumpensat b'mod ġust bil-kumpens u l-imgħax li ġie mogħti lilhom mill-Gvern.

63. Fin-nuqqas, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti fir-rigward u għalhekk dan l-aggravju wkoll ser jiġi miċħud.

64. Fis-**<u>sitt aggravju tagħhom ir-rikorrenti appellanti</u>** jilmentaw dwar l-esklużjoni ta' dawk il-proprjetarji li ma dehrux fuq l-att pubbliku fejn tħallas il-kumpens. Dan meta fil-fehma tal-appellanti, ma kellux iwaqqafhom milli jeżerċitaw azzjoni ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ifissru kif

il-kwistjoni ta' kumpens hija ħaġa u l-azzjoni msejsa fuq d-drittijiet fundamentali tagħhom hija ħaġa oħra. Jisħqu li quddiem il-Bord, it-titolu ta' kulħadd ġie ppruvat u għalhekk jinsistu li għandhom dritt personali, dirett, attwali u leġittimu li jaġixxu u għandhom il-*locus standi* meħtieġ sabiex ikunu f'din il-kawża.

65. Tabilħaqq, kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Jannar, 2025, fil-kawża fl-ismijiet ***Nicholas Jensen Testaferrata et v. Avukat tal-Istat et***, il-parti li tressaq ilment kostituzzjonali ta' din ix-xorta trid tressaq prova li hi għandha interess sostantiv fil-mertu tal-azzjoni. Il-possediment jinkludi fih kemm drittijet reali u/jew personali liema kunċett hu differenti mill-klassifikazzjoni tradizzjonali ta' dritt ta' proprjetà fil-liġi domestika. Madankollu jeħtieġ li jiġi pruvat l-interess protett li jista' jwassal għal eżitu pożittiv skont ma trid il-**Konvenzjoni**.

66. Kif ingħad drabi oħra, f'dawn it-tip ta' kawżi mhuwiex meħtieġ li titressaq prova dwar xi titolu assolut jew oriġinali, bħal ngħidu aħna f'azzjoni *rei vendicatoria* (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Diċembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Caruana v. l-Avukat tal-Istat et***). Kif ukoll, għall-għanjiet ta' din it-tip ta' kawża dwar jekk inkisrux il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti, huwa biżżejjed li jintwera l-interess ġuridiku tar-rikorrenti u għalhekk mhix meħtieġa il-prova rigoruża tal-proprjetà (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Novembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Azzopardi pro et noe v. L-Onorevoli Prim Ministru et***).

67. Minn eżami tal-atti tal-proċeduri tal-arbitraġġ, allegati mal-atti ta' din il-kawża, jirriżulta fl-ewwel lok, li l-Kummissarju tal-Artijiet kien bagħat l-avviż għall-ftehim lil dawk li huwa kien iqis bħala s-sidien tal-art fid-19 ta' Lulju, 2001, fejn il-Kummissarju tal-Artijiet innotifika lil Igino Trapani Galea, f'ismu u f'isem l-assenti Marlene Huber, lil Emily Trapani Galea, Dorothy Galea u Nathalie Bianchi, bil-kumpens li kien qiegħed joffri għall-istess art. L-istess persuni kienu msemmija fir-rikors promotur li sar fit-23 ta' Mejju, 2003, li wassal għall-proċeduri tal-arbitraġġ.

68. Fil-mori tal-istess proċeduri tal-arbitraġġ, mietet Yolande Nathalie *sive* Nathalie Bianchi u wara li ġew ippreżentati r-riċerki testamentarji tagħha u ċ-ċeritifikat tal-mewt, il-Bord permezz tad-digriet tas-26 ta' Settembru, 2012, laqa' t-talba li ssir it-trasfużjoni tal-ġudizzju sabiex minflok Yolande Nathalie *sive* Nathalie Bianchi daħlu l-perit Nicholas Bianchi, Andre Bianchi u Anne Marie Bianchi.

69. Fil-mori tal-kawża mietet ukoll Emilia *sive* Emily Trapani Galea. Wara li ġie esebit iċ-ċertifikat tal-mewt u r-riċerki testamentarji tagħha, irriżulta li l-istess Emilia Trapani Galea ħalliet b'werrieta tagħha lill-perit Nicholas Bianchi, Andre Bianchi u Anne Marie Bianchi, Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea

Feriol u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol. B'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2012, il-Bord laqa' t-talba għat-trasfużjoni tal-ġudizzju.

70. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-kuntratt ta' bejgħ li bih il-Gvern ta' Malta xtara l-porzjonijiet ta' art, għalkemm huwa minnu li fuq il-kuntratt ma dehrux Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol, però kif jirriżulta mill-istess provenjenza estensiva mogħtija fuq l-imsemmi kuntratt, Emilia Trapani Galea rregolat il-patrimonju tagħha permezz tat-testment ippubblikat min-Nutar Francis Micallef, tal-31 t'Ottubru, 2007[9], fejn nnominat bħala eżekuturi testamentarji lil Igino Trapani Galea Feriol u Nicholas Bianchi, jew jekk dawn ma jkunux iridu jew jistgħu jaċċettaw il-kariga, li joqgħod minfloku jew minflokhom, Nicholas Trapani Galea Feriol, Anne Marie Bianchi, jew Bettina Azzopardi. Barra minn hekk, Nicholas Bianchi u Nicholas Trapani Galea Feriol kienu awtorizzati mill-Qorti sabiex ikunu l-eżekuturi testamentarji ta' Emily Trapani Galea, skont id-digrieti hemm imsemmija.

71. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellat Avukat tal-Istat, l-istess kuntratt ta' bejgħ ifisser is-sehem li kellhom kull wieħed u waħda mis-sidien, kif ukoll il-provenjenza dettaljata fir-rigward ta' kull wieħed minnhom. Dan kollu jfisser li l-Awtorità appellata kienet konvinta u sodisfatta mit-titolu ta' kull wieħed u waħda mill-partijiet li dehru fuq il-kuntratt ta' bejgħ.

[9] Esebit f'paġna 206 tar-rikor 32/03 allegat mal-atti ta' din il-kawża.

72. Minkejja li r-rikorrenti appellanti Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol ma dehrux fuq il-kuntratt ta' bejgħ jew ma dehrux f'isimhom proprju, (peress minn qari tat-testment, l-eżekuturi testamentarji ngħataw ukoll is-setgħa li jbiegħu l-proprjetà immobbli tad-*de cuius*) xorta jirriżulta l-interess ġuridiku tagħhom, bħala wħud mill-eredi ta' Emilia Trapani Galea, li kellha s-sehem ta' kwint tal-proprjetà. Il-fatt li dehru l-eżekuturi testamentarji ta' Emilia Trapani Galea, ma jfissirx li l-interess ġuridiku ta' dawn l-eredi spiċċa.

73. Wara kollox, għalkemm l-irwol ta' eżekutur testamentarju huwa dak li jiżgura l-eżekuzzjoni tar-rieda tat-testatur, madankollu, il-liġi tipprovdi li l-pussess ta' ħwejjeġ il-mejjet igħaddi, bis-saħħa tal-liġi, b'mod ta' kontinwazzjoni fil-werriet (ara **Artikolu 836 tal-Kodiċi Ċivili**). Meta jkun hemm eżekutur testamentarju, il-pussess tal-oġġetti formanti parti mill-wirt ikunu f'idejh, għalkemm ma jkunx qed iżommhom bħala tiegħu, u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jkun hemm ħadd li jkollu l-pussess esklussiv tal-oġġetti: mhux il-werrieta, għax dawn ma jkollhomx pussess formali tal-proprjetà, u mhux l-eżekutur testamentarju, għax il-pussess li dan ikollu tal-proprjetà ma tkunx *animo domini* (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Ottubru, 2004, fil-kawża fl-ismijiet ***Rev. Patri Franġisku et v. Maria Hilda sive Hilda Cauchi e*t**).

74. Barra minn hekk, kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-10 ta' Marzu, 2015, fil-kawża fl-ismijiet ***Robert Hornyold Strickland v. Saviour Sammut***, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, l-eżekutur testamentarju hu kkunsidrat bħala mandatarju (s*ui generis*) li għandu jżomm ruħu fil-limiti ta' l-inkariku tiegħu u m'għandu ebda setgħat oħra, ħlief dawk meħtieġa sabiex iwettaq id-dispożizzjonijiet testamentarji. Għalhekk skont sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Falzon v. Sciberras*** tas-27 ta' Ottubru 1990, l-eżekutur ma jista' jibda ebda kawża «*non necessaria per l'esecuzione del testamento*.» Dawn il-prinċipji jinstiltu wkoll mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Mejju, 1958, fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Sammut v Ersilia Zahra***.

75. Meqjus dan kollu, din il-Qorti tqis li għandhom raġun ir-rikorrenti appellanti f'dan l-aggravju tagħhom u tqis li tabilħaqq Bettina mart Malcolm Azzopardi, Michael Trapani Galea Feriol, Greta mart Paul Apap Bologna, Paul Trapani Galea Feriol u Dr. Nicholas Trapani Galea Feriol, bħala l-eredi ta' Emilia Trapani Galea, għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex joqogħdu f'dawn il-proċeduri. Għalhekk ikun xieraq li s-sentenza appellata tiġi riformata f'dan is-sens.

76. Fis-**<u>seba' aggravju</u>** tagħhom ir-rikorrenti appellanti jgħidu li minħabba n-numru ta' eċċezzjonijiet miż-żewġ intimati, qiegħed isir appell fuq dawk il-partijiet tas-sentenza li huma inkompatibbli mat-talbiet tar-rikorrenti.

77. Mhuwiex ċar x'riedu jfissru l-appellanti b'dan l-aggravju u tant huwa ġeneriku li ma tantx jista' jittieħed b'serjetà. Meta appellant iressaq appell, huwa għandu jfisser b'mod ċar kif fil-fehma tiegħu, s-sentenza appellata hija żbaljata li wasslet sabiex l-appellant iħossu aggravat biha. Fin-nuqqas, dan l-aggravju ma jistax jirnexxi.

78. F'dan l-istadju, qabel ma tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni morali (li tirriżulta f'kull appell) jitqies xieraq li jiġi mistħarreġ l-**<u>ewwel aggravju tal-Awtorità tal-Artijiet</u>**, fejn tgħid li hi ma kellhiex tiġi ordnata tħallas danni morali peress li r-rikorrenti ngħataw rimedju għad-dewmien meta ġie ffinalizzat l-esproprju. Hija ssostni li fl-ewwel lok, il-kumpens ġie bbażat fuq il-valur tal-art fis-sena 2001, data ta' meta sar l-avviż għall-ftehim u mhux fuq il-valur ta' meta saret id-dikjarazzjoni Presidenzjali u għalhekk is-sidien ibbenefikaw minn żieda sostanzjali fil-valur tal-art. Għalhekk l-Awtorità ssostni li d-dewmien sabiex inħareġ l-avviż għall-ftehim ġie kontrobilanċjat biż-żieda fil-valur tal-art li minnu bbenefikaw is-sidien. Issostni li għalkemm il-Qorti tal-Appell għarfet dan il-benefiċċju fil-proċeduri tal-arbitraġġ, f'dan il-każ l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra dan il-fattur importanti.

79. Barra minn hekk, sa fejn l-Ewwel Qorti osservat li l-Awtorità damet sentejn bejn meta nħareġ l-avviż għall-ftehim u meta ressqet il-proċeduri tal-arbitraġġ u li damet sena oħra sabiex sar il-kuntratt finali, l-Awtorità appellanti tisħaq li r-rikorrenti ġew ikkumpensati għal dan id-dewmien, permezz tal-ħlas tal-imgħax li beda għaddej mis-sena 1977 u baqa' għaddej sad-data tal-kuntratt finali, meta s-sidien tħallsu s-somma ta' €1,906,698 bħala mgħax fuq il-kuntratt finali. Ittenni li din hija somma sostanzjali li kellha titqies bħala rimedju effettiv u ġust għad-dewmien. Dan hu fattur ieħor li l-Awtorità appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra. Minħabba f'hekk, ġaladarba d-dewmien ġie rimedjat, hija tinsisti li ma kellhiex tiġi kastigata sabiex tħallas danni morali.

80. Dan l-aggravju tal-Awtorità appellanti jinsab rifless ukoll **<u>fl-ewwel aggravju fl-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat</u>**, fejn filwaqt li jtenni li l-Ewwel Qorti żbaljat meta llikwidat u ordnat li huwa jħallas danni morali, għall-istess raġunijiet mogħtija mill-Awtorità appellanti, jingħad minnu wkoll li fiċ-ċirkostanzi, kien ikun biżżejjed li tingħata dikjarazzjoni ta' ksur ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u li ma jingħata ebda rimedju ieħor.

81. Għandu jingħad mal-ewwel li dan l-aggravju tal-intimati appellanti ma jitqiesx bħala wieħed siewi. Huwa minnu li l-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi** kienet tipprovdi għal kumpens kemm permezz tal-valur ogħla marbut mad-data ta' meta jsir l-avviż tal-ftehim, kif ukoll għall-ħlas tal-imgħaxijiet mill-Gvern ta' Malta li jinħadmu mid-data ta' teħid tal-

pussess sad-data tal-pagament effettiv li jsir fuq il-kuntratt ta' trasferiment. Madankollu, il-fatt li l-valur tal-art esproprjata mħallas lir-rikorrenti kien dak tal-2001 u mhux dak tal-1977 meta sar it-teħid, din il-Qorti tosserva li dan il-punt kien relevanti fil-konsiderazzjonijiet dwar jekk għandux ikun hemm ħlas ta' danni materjali u mhux għall-każ fejn l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti għall-ħlas ta' kumpens tad-danni morali (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 t'Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri Barbros Limited v. Kummissarju tal-Artijiet et***).

82. Hekk ukoll, kif ingħad drabi oħra, l-imgħax li tipprovdi għalih il-liġi ċivili jitqies bħala penali għad-dewmien fil-ħlas, iżda l-kumpens morali stabbilit mill-Ewwel Qorti ma jistax jitqies bħala penali, peress li l-bażi tal-azzjoni hija differenti. Tant hu hekk, li l-imgħaxijiet taħt l-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi** huma marbuta maż-żmien, f'dan il-każ bejn id-data tal-okkupazzjoni u d-data tat-trasferiment tal-proprjetà. Għalhekk huwa ovvju li dak il-kumpens mhuwiex maħsub bħala kumpens għal ksur tal-jedd għal smigħ fi żmien raġonevoli, kif isostnu l-intimati appellanti (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Nikolina Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet et***).

83. F'dawn il-każijiet qegħdin nitkellmu dwar dewmien bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif imħarsa mill-**Kostituzzjoni** u mill-**Konvenzjoni Ewropea** (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 t'Ottubru,

2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Cauchi et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet***). Il-kumpens għad-danni morali, imsejjaħ ukoll mhux pekunarju, huwa maħsub sabiex jagħti rimedju għat-tbatija morali li tkun ġiet mġarrba mill-vittma tal-ksur.

84. Fil-fatt il-leġislatur taħt il-liġi l-ġdida (fl-**Artikolu 65 tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern**) f'każ fejn art li tkun suġġetta għal dikjarazzjoni u avviż għall-ftehim, iżda li ma tkunx ġiet akkwistata, ħaseb kemm għad-danni materjali, kif ukoll għad-danni morali minħabba d-dewmien sabiex isir l-akkwist. Hekk ukoll, fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna ssir ukoll distinzjoni bejn id-danni materjali fejn l-iskop tagħhom huwa l-kumpens b'danni bbażat fuq telf materjali jew effettiv mġarrab, filwaqt li fil-każ tad-danni morali, dawn għandhom jingħataw għat-tbatija u inċertezza li persuna tkun għaddiet minnhom minħabba l-aġir u d-dewmien tal-entità pubblika. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' April, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***John Joseph Bezzina v. Kummissarju tal-Artijiet***, il-fatt li jingħataw id-danni materjali ma jeskludix li jingħataw id-danni morali, jistgħu jingħataw it-tnejn, kif wara kollox jirriżulta mill-provvediment tal-liġi (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Mejju, 2013, fil-kawża fl-ismijiet ***B. Tagliaferro & Sons Limited v. Il-Kummissarju tal-Art et***).

85. Bla dubju, kif ingħad mill-Ewwel Qorti, medda ta' 43 sena sabiex jiġu konklużi l-proċeduri ta' esproprju huwa wieħed esaġerat, li minnhom il-Kummissarju tal-Artijiet dam madwar 23 sena bejn meta s-sidien ġew

imċaħħda mill-pussess tal-proprjetà tagħhom (1977) sa ma sar l-avviż għall-ftehim (2001), fejn allura s-sidien ingħataw iċ-ċans jiddikjaraw jekk kinux jaqblu mal-istima u l-offerta tal-Kummissarju tal-Artijiet għall-ħlas, filwaqt li għaddew sentejn oħra sabiex il-Kummissarju tal-Artijiet ressaq il-proċeduri li bihom seta' jiġi stabbilit il-kumpens dovut għat-teħid quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ (proċeduri li jġibu referenza 32/2003).

86. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hemmx dubju li dan id-dewmien esaġerat sabiex ir-rikorrenti jiġu kumpensati għat-teħid ta' ġidhom, fil-fatt tefa' fuqhom piż eċċessiv u sproporzjonat fis-sens tal-**Konvenzjoni**. Kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet ***Igino Trapani Galea Feriol et v. Kummissarju tal-Artijiet***:

> «*l-eżistenza tal-interess pubbliku ma teżonerax lill-Kummissarju mill-obbligu tiegħu li jassigura li, bil-ħlas fi żmien raġonevoli tal-kumpens ġust, jinzamm dak il-bilanċ ġust bejn l-interessi tas-soċjetaà u d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-godiment paċifiku tal-proprjetà tagħhom skont l-artikolu konvenzjonali fuq ċitat. Għax il-prinċipju tal-proporzjonalità huwa inherenti fl-istruttura kollha tal-Konvenzjoni, u għalhekk l-aġir tal-Kummissarju f'dan il-każ għandu jiġi eżaminat ukoll minn din l-ottika, billi jiġi kkunsidrat jekk it-teħid tal-proprjetà tagħhom fis-sena 1973 mingħajr ma għadhom lanqas bdew il-proċeduri għall-kumputazzjoni tal-kumpens dovut lilhom, jitfax fuqhom piż eċċessiv u sproporzjonat.*»

87. Kunsidrat id-dewmien li għalih jaħti l-Kummissarju, kif ukoll id-dewmien sabiex jiġu finalizzati il-proċeduri ġudizzjarji tal-arbitraġġ, ma jitqiesx xieraq lanqas l-argument tal-Avukat tal-Istat li dikjarazzjoni ta' ksur ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kienet fiċ-ċirkostanzi tkun rimedju biżżejjed u li ma kienx meħtieġ li jingħata ebda rimedju ieħor.

88. Minn dan jinżel li, l-ewwel aggravju tal-Awtorità tal-Artijiet u Avukat tal-Istat ma jistgħux jitqiesu bħala siewja.

89. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħha l-Awtorità appellanti, filwaqt li ma tikkontestax li seħħ dewmien, issostni li ma tressqet l-ebda prova li minħabba dan id-dewmien ir-rikorrenti ġarrbu danni psikoloġiċi jew ta' ansjetà, iżda pjuttost kif ingħad mill-Ewwel Qorti, li r-rikorrenti stess ikkontribwew għal dan id-dewmien. Jingħad minnha li l-għan ewlieni tal-likwidazzjoni tal-kumpens mhux pekunarju huwa sabiex jingħata kumpens għat-tbatija morali li wieħed isofri minħabba ksur, iżda fil-mori tal-proċeduri taħt eżami, ma tressqet l-ebda prova ta' dan. Għalhekk tisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat meta akkordat dawn id-danni, peress li ma kkunsidratx ukoll il-passività tar-rikorrenti u llikwidat danni esaġerati li ma jirriflettux dan.

90. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-Awtorità appellanti, minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti qieset il-fatt li r-rikorrenti kkontribwew għad-dewmien sabiex jintemmu l-proċeduri ta' arbitraġġ u dan kif jirriżulta minn paragrafu 158 tas-sentenza appellata. Din il-Qorti ttenni li l-iffissar mill-Qorti ta' somma rappreżentanti kumpens mhux pekunjarju għandu l-għan illi jipprovdi kumpens finanzjarju għal danni li ma humiex materjali, bħal pereżempju f'każ ta' sofferenza mentali jew psikoloġika. Iżda ma hemm l-ebda formola matematika stabbilita sabiex il-Qorti tasal għal tali somma, u għalhekk

huwa mħolli fid-diskrezzjoni tagħha, sabiex fuq bażi ekwitattiva, u wara li tieħu qies taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tasal għal somma li tqis adegwata.

91. Ingħad fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Novembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Attard v. Avukat tal-Istat***, b'referenza għal dak imtenni mill-Qorti Ewropea fis-sentenza ***Sargsyan v. Azerbaijan*** (QEDB, 12/12/2017) li: *«…non-pecuniary awards serve to give recognition to the fact that moral damage occurred as a result of a breach of a fundamental human right and reflect in the broadest of terms the severity of the damage.»* Madankollu, din il-Qorti taqbel mal-prinċipju msemmi mill-Awtorità appellanti fis-sens li huwa meħtieġ li titressaq prova tad-danni morali mġarrba. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-13 ta' Frar, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Oswald Wismayer et v. Avukat tal-Istat et***, bħalma d-danneġġjat huwa mitlub jipprova d-danni pekunjarji, hekk ukoll huwa mitlub li jipprova d-danni morali, jekk huwa jkun qiegħed ifittixhom jew jippretendihom. Ir-regoli dwar il-provi tad-danni jgħoddu mhux biss għall-kawżi ċivili normali, iżda jgħoddu wkoll għall-kawżi marbuta ma' ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' April, 2024, fl-ismijiet ***John Joseph Bezzina v. Il-Kummissarju tal-Artijiet***).

92. Fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' April, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***Bernard Gauci pro et noe et v. Kummissarju tal-Artijiet et***, li kienet ukoll dwar każ ta' dewmien esaġerat sabiex is-sidien ta' art esproprjata

jingħataw il-kumpens meħtieġ, il-Qorti qieset li kien hemm numru ta' fatturi bħala relevanti sabiex jiġu stabbiliti d-danni morali, fosthom dik li:

> *«għandu jittieħed kont tat-tul ta' żmien li l-atturi ħallew jgħaddi qabel ma ddeċidew li jistitwixxu dawn il-proċeduri fit-12 ta' Jannar 2009. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza* ***Josephine Mary Vella v. Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali*** *et: 25/5/2012; ara wkoll Q. Kost.* ***Carmen Zammit et v Kummissarju tal-Artijijet et****, 26/4/2013; Q. Kost.* ***Ġuża Gauci et v Kummissarju tal-Artijiet****, 27/2/2015*
>
> *"… id-dewmien biex ir-rikorrenti tieħu passi biex tibda dawn il-proċeduri għandu jittieħed inkonsiderazzjoni fit-tnaqqis tal-ammont tal-kumpens li għandu jingħata.»*

93. Minn dan jinżel li hemm numru ta' fatturi komuni li japplikaw għall-każ taħt eżami, li jirriżultaw ippruvati fl-atti tal-kawża u għalhekk jitqiesu relevanti sabiex jiġi determinat il-kumpens morali:

a. Li mill-provi rriżulta li r-rikorrenti tħallew għal 43 sena sħaħ fi stat ta' inċertezza minn meta saret id-Dikjarazzjoni Presidenzjali fis-sena 1977, sabiex jiġu konklużi l-proċeduri ta' esproprju, li matulhom huma kienu mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom, mingħajr ma ngħataw ebda kumpens, li seħħ biss permezz tal-kuntratt ta' bejgħ fis-sena 2020;

b. Li għalkemm ir-rikorrenti applikaw sabiex jiżviluppaw l-imsemmija art, fis-sena 1969, ġew infurmati mill-*Planning Area Permits Board* li l-permess ma setax jinħareġ, peress li s-sit kien riżervat bħala *public open space,* iżda meta ġiet stmata mid-diversi periti li kienu ġew inkarigati mill-partijiet, jew dawk imqabbda mill-Bord, kollha wrew il-fehma li l-art kienet waħda fabrikabbli skont il-liġi;

c. Li wara li saret id-Dikjarazzjoni Presidenzjali fis-sena 1977, mill-atti tal-arbitraġġ irriżulta li l-imsemmija art kienet ilha żmien twil tintuża bħala parkeġġ u għalkemm saru skavi arkeoloġiċi fuq l-art fis-sena 1984, wara l-iskavi kollha ġew mirduma, l-art ġiet konvertita f'parkeġġ pubbliku asfaltat għall-karozzi u amministrat mill-Kunsill Lokali. Dan ifisser li għalkemm l-iżvilupp propost mir-rikorrenti kien miċħud, mhux kull tip ta' żvilupp kien eskluż u allura kien hemm possibbiltà ta' żvilupp ieħor (għalkemm limitat) li seta' jsir;

d. Li l-intimati qatt m'offrew ebda kumpens għall-interferenza fid-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif imħarsa fl-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni** mis-sena 1977 sas-sena 2020, jiġifieri għal 43 sena;

e. Li t-tliet porzjonijiet art li jaqgħu f'arja viċin ta' xulxin[10] għandhom il-kejl komplessiv ta' 2022 metru kwadru[11];

f. Li r-rikorrenti naqsu milli jinqdew bil-proċeduri ordinarji sabiex jitolbu lill-Qorti tordna lill-Kummissarju intimat ħalli jibda l-proċeduri sabiex isir ix-xiri tal-art u li jitħallsu l-kumpens dovut lilhom (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Frar, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Fenech et v. Kummissarju tal-Artijiet et*** u tat-30 ta' April, 2009,

[10] Ara pjanta esebita bħala Dok. MG2 f'paġna 63 tal-proċess.
[11] (203+ 120+1699)

fl-ismijiet ***Paola Farrugia et v. Kummissarju tal-Artijiet*** u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-25 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet ***Franco Buttigieg pro et noe v. Avukat Ġenerali***). Hekk ukoll, id-dewmien jew passività min-naħa tar-rikorrenti sabiex iressqu din il-kawża, jagħti lil wieħed x'jifhem li t-tbatija kienet waħda limitata hekk kif m'għamlu xejn dwarha għal snin twal (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Marzu, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelina Bugeja v. Nazzareno Spiteri et***); u

g. Ma' dawn il-konsiderazzjonijiet jiżdied dak osservat mill-Ewwel Qorti dwar id-dewmien sabiex jiġu konklużi l-proċeduri tal-arbitraġġ marbuta mal-każ taħt eżami. F'dan il-każ, għalkemm huwa minnu li r-rikorrenti kienu wkoll responsabbli għal xi dewmien, meta ntalbu numru ta' differimenti, tabilħaqq id-dewmien li setgħu kkontribwew għalih ir-rikorrenti kien wieħed minimu, meqjus it-tul ta' żmien li damet għaddejja l-kawża. Kif sewwa ngħad mill-Ewwel Qorti, ir-responsabbiltà ewlenija għat-tmexxija xierqa tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt il-ġudikant, f'dan il-każ il-Bord (***Capuano v. Italy* § 30-31**).

94. Dan kollu jfisser li għalkemm ser jitwarrab it-tieni aggravju tal-Awtorità appellanti, peress li ma jitqiesx wieħed siewi, iżda dawn il-konsiderazzjonijiet jitqiesu relevanti għall-aggravju li jmiss, dak fejn l-appellanti kollha jattakkaw l-ammont ta' danni morali likwidati mill-Ewwel Qorti.

95. Fit-**<u>tielet aggravju r-rikorrenti appellanti</u>** jgħidu li minkejja li jaqblu mas-sentenza appellata li sabet ksur tad-dritt tagħhom ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli skont l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, id-danni morali mhumiex biżżejjed u jeħtieġ li jiżdiedu, kif ukoll li huma kellhom kull interess li jmexxu l-proċeduri u għamlu dak kollu mistenni minnhom billi kooperaw bis-sħiħ. Għalhekk ma jaqblux ma' dak li ngħad mill-Ewwel Qorti li kien hemm nuqqasijiet min-naħa tagħhom jew tad-difensur tagħhom. Josservaw ukoll li kien hemm dewmien fil-proċeduri tal-arbitraġġ quddiem il-Qrati.

96. Filwaqt li min-naħa l-oħra, fit-**<u>tielet aggravju tal-Awtorità appellanti</u>**, jingħad li l-kumpens mhux pekunarju mogħti mill-Ewwel Qorti fl-ammont ta' €40,000 kien eċċessiv, meta wieħed jikkunsidra wkoll l-ewwel żewġ aggravji tagħha, fosthom li r-rikorrenti ngħataw kumpens xieraq għad-dewmien u li kienu l-istess rikorrenti li kienu jaħtu għall-parti mid-dewmien fil-proċeduri quddiem il-Qorti. Issir referenza għall-ġurisprudenza sabiex issostni l-punt li l-kumpens mhux pekunarju huwa wieħed eċċessiv.

97. Dan l-istess ilment dwar il-likwidazzjoni tad-danni morali mogħti mill-Ewwel Qorti jinsab ukoll fit-**<u>tieni aggravju tal-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat</u>**. Jilmenta li r-rikorrenti kienu komparteċipi fid-dewmien, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

98. Dwar il-kwantum ta' danni morali, din il-Qorti tibda billi tosserva li sa fejn l-intimati appellanti jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza sabiex isostnu l-argument tagħhom li l-ammont likwidat huwa wieħed eċċessiv kumparat ma' sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati Kostituzzjonali, tajjeb li jingħad li jeħtieġ li l-affarijiet jitpoġġew f'perspettiva. Filwaqt li d-danni morali li ġejjin minn ksur ta' dritt ta' proprjetà huma inqas gravi minn ksur ta' jeddijiet marbuta pereżempju mal-ħajja, jibqa' l-fatt li l-paragun magħmul mill-intimati appellanti ma jreġix. Dan jingħad peress li l-maġġoranza tas-sentenzi msemmija mill-intimati appellanti, għalkemm marbuta ma' ksur ta' drittijiet ta' sidien ta' proprjetajiet, dawn jitrattaw postijiet mogħtija b'kera, li qajla jitqiesu paragunabbli mal-każijiet ta' esproprjazzjoni bħal dak taħt eżami.

99. Għalhekk jeħtieġ li meta jsir paragun wieħed ikun qiegħed jagħti eżempji ta' każijiet b'ċirkostanzi simili. F'dan l-istadju ser issir referenza għall-ġabra ta' każijiet ta' esproprjazzjoni, fejn kien hemm ukoll dewmien esaġerat li wassal għall-ksur ta' drittijiet fundamentali u ngħata kumpens għad-danni morali.

100. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tas-27 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijet ***Philip Cauchi et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et***, l-ewwel Qorti għamlet rassenja ta' numru ta' każijiet simili fosthom:

- ***Dr. David Tonna noe v. Kummissarju tal-Artijiet*** - il-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Marzu, 2011 ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti li llikwidat kumpens fis-somma ta' €25,000 fejn id-dewmien kien ta' 'l fuq minn 30 sena. Il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat li din is-somma ma kinitx waħda esaġerata meta wieħed jikkunsidra l-proprjetà li ttieħdet u

ż-żmien li r-rikorrenti ġew imċaħħda minnha. Jiġi preċiżat biss li f'dak il-każ, ir-rikorrenti kienu ghadhom ma tħallsux kumpens għall-esproprju u l-ammont ġie likwidat indipendentement minn konsiderazzjoni li eventwalment kienu ser jirċievu kumpens kapitali inkluż imgħaxijiet.

- L-istess ammont (€25,000) ġie likwidat bħala kumpens mhux pekunjarju mill-Ewwel Qorti, kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru, 2014 fil-każ ***Igino Trapani Galea Feriol pro et noe et v Kummissarju tal-Artijiet et*** (dewmien ta' 40 sena). Dan il-każ kien jitratta dar u ġnien f'Birżebbuġa.

- Fil-każ ***Dottor René Frendo Randon et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet*** tal-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Lulju, 2009, is-somma likwidata kienet fl-ammont ta' €27,000 - dewmien ta' aktar minn 40 sena. F'sentenza oħra mogħtija, fl-istess data fl-istess ismijiet, il-Qorti Kostituzzjonali llikwidat kumpens fl-ammont ta' €20,000 għal dewmien ta' aktar minn 40 sena. Dawn il-kawżi kienu jitrattaw estensjonijiet mdaqqsa ta' art li ġew esproprjati b'rabta mal-Freeport.

- Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ***John Caruana v. Kummissarju tal-Artijiet*** fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2014, ikkonfermat l-ammont likwidat ta' €25,000, b'rabta ma' art tal-kejl ta' 2248.2 metru kwadru f'San Ġwann esproprjata b'rabta mat-twaqqif ta' żona industrijali fejn id-dewmien qabeż 25 sena mill-esproprjazzjoni.

- Saret referenza wkoll għall-każ deċiż mill-Qorti Ewropea ta' ***Deguara Caruana Gatto and Others v. Malta*** tas-6 ta' Lulju, 2013, fejn ir-rikorrenti lmentaw li sofrew dewmien ta' aktar minn għoxrin sena, u ngħad li:

  > *«99. The Court considers that the applicants must have experienced frustration and stress given the nature of the breaches found in the present case and thus awards them EUR 40,000 jointly, in respect of non-pecuniary damage.»*

- Fl-istess każ ta' ***Philip Cauchi***, li kien dwar art tal-kejl ta' madwar 2065 metru kwadru, l-Ewwel Qorti bbażat ruħha fuq dawn is-sentenzi sabiex waslet għal-likwidazzjoni ta' €40,000, iżda wara li l-Qorti Kostituzzjonali qieset li ċ-ċirkostanzi tal-każ ta' ***Deguara Caruana Gatto*** kienu differenti minn dawk ta' ***Cauchi***, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, dan l-ammont ġie rivedut għal €25,000.

101. Wara li din il-Qorti kkunsidrat il-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-każ taħt eżami, inkluż: (i) it-tul ta' żmien (43 sena) sakemm ir-rikorrenti ngħataw il-

kumpens li kien dovut lilhom għat-teħid tal-art mertu tal-kawża; (ii) li l-art għalkemm fabrikabbli ma kinitx mibnija u kien hemm limitu ta' żvilupp li seta' jsir fuqha; (iii) li l-art ma kienet qed tirrendi l-ebda dħul; (iv) il-kejl tal-porzjonijiet tal-art milquta bl-esproprju; (v) il-valur inġenti tal-istess art kif likwidat mill-Bord (kif mitlub mis-sidien); u (vi) l-imgħax imħallas fuq il-kuntratt ta' bejgħ, kif ukoll iċ-ċirkostanzi l-oħra msemmija taħt paragrafu 93 ta' din is-sentenza, il-Qorti, tasal għall-fehma li l-kumpens għad-danni morali li għandu jingħata lir-rikorrenti f'dan il-każ għandu jkun fl-ammont ta' €30,000.

102. Isegwi li l-aggravju tar-rikorrenti għaż-żieda fl-ammont ta' danni morali ma jixraqlux li jintlaqa', filwaqt li l-aggravju tal-intimati għat-tnaqqis, ser jiġi milqugħ.

103. Jonqos l-**<u>aħħar aggravju tal-Avukat tal-Istat</u>**, dak fejn isostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fil-mod ta' kif ordnat li għandhom jinqasmu l-ispejjeż. Jisħaq li peress li l-**Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi għall-prinċipju li t-tellief għandu jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż, jew li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha meta tkun telliefa fuq xi punt tal-kawża, ġaladarba l-Ewwel Qorti ċaħdet numru ta' talbiet tar-rikorrenti, dawn kellhom iġorru parti mill-ispejjeż.

104. Din il-Qorti tosserva li la wħud mit-talbiet tar-rikorrenti ġew miċħuda, mela allura hemm lok li jkun hemm varjazzjoni fil-kap tal-ispejjeż tal-ewwel

istanza, filwaqt li dawk tal-appelli tal-lum ser jiġu deċiżi skont ir-rispettiv telf u rebħ.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddisponi mill-appelli ewlenija tar-rikorrenti u tal-Awtorità tal-Artijiet u mill-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat billi:

(i) tilqa' s-sitt aggravju tar-rikorrenti appellanti u b'hekk tħassar is-sentenza appellata fejn laqgħet b'mod limitat it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat sabiex minflok tiċħadha fis-sħiħ u għalhekk tiddikjara li r-rikorrenti kollha għandhom leġitimazzjoni attiva f'din il-kawża;

(ii) tiċħad il-bqija tal-aggravji tal-istess rikorrenti appellanti;

(iii) tilqa' f'parti minnhom l-appell tal-intimata Awtorità tal-Artijiet u tal-Avukat tal-Istat billi tnaqqas id-danni morali mogħtija mill-Ewwel Qorti mill-ammont ta' €40,000 għal €30,000 u għalhekk tordna lill-intimati sabiex flimkien bejniethom iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €30,000;

(iv) tilqa' l-aħħar aggravju tal-intimat Avukat tal-Istat u għalhekk filwaqt li tħassar il-kap tal-ispejjeż, tordna li l-ispejjeż tal-Ewwel Qorti jinqasmu nofs bin-nofs bejn ir-rikorrenti u l-intimati bejniethom; u

(v) tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Fl-aħħar nett dwar l-ispejjeż tal-appelli, din il-Qorti tordna li dawn għandhom jitħallsu hekk: (i) fil-każ tal-appell ewlieni tar-rikorrenti, l-ispejjeż jinqasmu bejn il-partijiet inkwantu għal tliet kwarti [3/4] mir-rikorrenti u r-rimanenti kwart [1/4] mill-intimati bejniethom; (ii) filwaqt li fil-każ tal-appell ewlieni tal-Awtorità intimata u l-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat, l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn ir-rikorrenti u l-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da